

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RAKKOMANDEZZJONIJIET

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

RAKKOMANDEZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-25 ta' Frar 2011

lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tan-Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique

(BĊE/2011/1)

(2011/C 67/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali huma awditjati minn awdituri esterni indipendenti rikkmandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat tal-awdituri esterni tan-Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique ntemm wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2010. Huwa għalhekk neċessarju li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2011.
- (3) In-Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique għażel lil Ernst & Young Bedrijfsrevisoren/

Réviseurs d'entreprises bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2011 sa 2013, bil-possibbiltà ta' tiġdid ta' darba għas-snin finanzjarji 2014 sa 2016,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI:

Huwa rikkmandat illi Ernst & Young Bedrijfsrevisoren/Réviseurs d'entreprises jinħatru bħala l-awdituri esterni tan-Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique għas-snin finanzjarji 2011 sa 2013, bil-possibbiltà ta' tiġdid ta' darba għas-snin finanzjarji 2014 sa 2016.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-25 ta' Frar 2011.

Il-President tal-BĊE
Jean-Claude TRICHET